MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1443/2004

**Mario Aquilina**
**vs**
**Carmel Penza**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Lulju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm311.28), danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu Citroen Xantia numru TFH-793, ghal liema danni huwa responsabbli l-konvenut wara li b'ghemil doluz u bi traskuragni qabez fuq il-vettura in kwistjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Awissu, 2004, fejn intqal :**
**Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi kwalunkwe danni allegatament sofferti fuq il-vettura tieghu kienu**

**kkagunati unikament b'rizultat ta' traskuragni, imperizja u mprudenza ta' l-attur, meta huwa mmanuvra l-vettura tieghu minn go triq li kienet qed tinghata t-tarmac mis-socjeta` tal-konvenut, u liema triq kienet maghluqa b'permess opportun mahrug mill-Awtorita` tat-Trasport (Dok.A).**
**Salv eccezzjonijiet unterjuri permessi mill-ligi.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn talab li l-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' sitt mija u erba' liri Maltin (Lm604) rapprezentanti l-ispejjez ta' xoghol u materjal inkorsi mill-konvenut b'rizultat ta' traskuragni, imperizja u mprudenza grossolana ta' l-attur, skond il-prospett anness (Dok.B).**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fis-16 ta' Settembru, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma kkaguna ebda danni lill-konvenut. Ghall-kuntrarju kien il-konvenut rikonvenzjonat li kkaguna danni fil-vettura ta' l-attur. Din il-kontro-talba hija frivola u vessatorja u qed issir semplicement b'ritaljazzjoni ghall-kawza li l-attur fetah kontra l-konvenut.**
**Fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2004, l-attur eccepixxa ulterjorament fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, illi tali kontro-talba ma tirriferix ghal mertu kif propost fl-azzjoni ntentata mill-attur.**
**Illi inoltre l-istanza tal-attur giet intavolata kontra Carmel Penza personalment u mhux noe u kwindi l-kumpanija Penza Construction Limited ma setghetx tintavola kontro-talba, izda kellha tipprocedi separatament.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Aquilina, Jason Gatt u Alfred Micallef . Ha konjizzjoni tax-xhieda migjuba fil-kawza fl-ismijiet Penza Tarmac Ltd vs Mario Aquilina Avv numru 2126/04jr. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Ra d-digriet tat-22 ta' Settembru, 2004 li bih it-Tribunal akkolja l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fit-22 ta' Settembru, 2004 rigwardanti l-kontro-talba u ddikjara li Carmel Penza mhux illegittimu kontradittur ghal tali kontro-talba.**

**2. Dwar it-talba, l-attur qed jippretendi li jithallas tal-hsarat subiti meta l-konvenut allegatament qabez u tefa' gebel ghal fuq il-vettura tieghu, Citroen Xantia, numru ta' registrazzjoni TFH-793.**

**3. Jirrizulta li dakinhar tal-incident l-attur kien ghaddej bil-vettura tieghu ghaddej lejn it-Telgha t'Alla u Ommu, sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar. F'dik il-lokalita dak iz-zmien kienu qed isiru xogholijiet fit-triq u kien hemm il-konvenut qed jahdem hemm. Li kien hemm xi xogholijiet ghaddejin fil-post huwa evidenti kif jindika r-ritratt Dok.MA.**

**4. L-attur spjega li meta sab il-blokka tal-konkrit murija fir-ritratt li kellha vlegga mpingija fuqha huwa kiser fid-direzzjoni tal-vlegga, cioe' lejn il-lemin, u dahal fi triq imharbta li hargitu ghal got-triq pero` « wrong side ». Ix-xhud spjega li fsalt « bdiet gejja xita ta' gebel, gew erba' minn nies jigru lejn il-vettura tieghi. Sirt naf li wiehed minnhom kien Carmel Penza. Dan qabez fuq il-karozza tieghi. » L-attur jghid li l-konvenut ghamillu marka kbira fuq il-bieba n-naha tax-xufier.**

**5. Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija Dok.TS Penza fost affarijiet ohra qal hekk : « Ghidtlu « leqaf hemm ! » u ghollejt saqajja mal-bieba tal-karozza tieghu. » Penza allega li l-attur ghamillu hsara fit-tarmac.**

**6. Jirrizulta li l-hsara fil-bieba tal-attur kienet estensiva skond ma xehed Alfred Micallef, rapprezentant ta' Mizzi Automotive Services Limited.**

**7. It-Tribunal jinnota li l-konvenut qed jghid li kienu tpoggew il-blokki tal-konkrit kif ukoll bowser sabiex traffiku ma jghaddix minn hemm. Ma jirrizultax li l-konvenut indika sew il-fejn kellu jmur it-traffiku. Il-marka maghmula fuq il-konkos ma kienetx ambigwa, izda kienet tfisser biss illi wiehed kellu jikser lejn il-lemin. Fil-fatt it-traffiku li kien ghaddej hekk ghamel. Jirrizulta li wara l-incident imsemmi, xi hadd hazzez**

**fuq il-vlegga u minflok kiteb CLOSED. Ma hux kontestat li l-konvenut kellu l-permess biex jahdem hemm. Pero` kien obbligu tieghu li juri bic-car li vettur ma setghux jghaddu minn hemm. Jirrizulta li mhux biss l-attur ghadda minn dik it-triq, izda kien hemm karozzi quddiemu kif ukoll warajh. Il-konvenut ippretenda li l-fatt li hemm vlegga tindika li wiehed ghandu jdur lejn il-lemin din tfisser li wiehed ghandu jaghmel U-turn. Ma jirrizultax li s-sewwieqa kkondividew din l-interpretazzjoni tal-konvenut, u lanqas ma hi kondiviza mit-Tribunal. Sinjali dwar liema direzzjoni ghandu jiehu t-traffiku ghandhom ikunu inekwivoci, u jindikaw b'kjarezza liema direzzjoni ghandu jiehu t-traffiku.**

**8. Jirrizulta pruvat li meta l-attur ghadda, il-konvenut aggredixxa l-karozza tieghu u kkawzalu d-danni reklamati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut u jillibera lill-attur mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' tali kontro-talba, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm311.28) bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------